**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 08/18**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2018 |
| **Ħin:** | 6:25 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku (mis-6:30pm)
Amanda Abela - Kunsilliera
Claude Camilleri - Kunsillier (mis-6:43pm)
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (sad-8:45pm)
Sean Chircop - Kunsillier (sat-7:55pm)
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apologiji** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **08.05** | ***Quarterly Financial statements*** |
| **08.06** | ***Żejt iż-Żejtun*** |
| **08.07** | **Festa Santa Katarina** |
| **08.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **08.09** | **Affarijiet ohra; u** |
| **08.10** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1.** **Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija | | |

**08. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 07/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 08. 2. 2 | 07.02.07 | Chircop | Tiġi taqra li saret l-attivita'. | |
| 08. 2. 3 | 07.08.03 | Agius | Għandha tinqata' li sar bdil fil-bord sabiex ma tinfthiemx li reġa sar bdil ieħor. | |
| 08. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 2 5 | 07.08.05 | Caruana: Problema bit-tindif | Caruana staqsa jistax ikun hemm informazzjoni dwar fejn qed isir it-tindif. Is-Sindku qalet li illum saret laqgħa mal-kuntratturi Owen Borg u Saviour Mifsud sabiex jiġu murija li l-Kunsill mhux sodisfatt bis-servizz li dawn qed jagħtu. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 2 | 6 | 07.08.10 | Chircop: GħanaFest | Chircop qal li l-Grupp Letterarju ħa sehem u ħadu ħafna gost. Irringrazzja lil kull mi ħa sehem. Agius qalet li ħadu sehem ukoll il-grupp tal-artiġjanat. | Chircop / Agius |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ser terġa ssir applikazzjoni mill-ġdid sabiex flok *zebra crossing* isiru *pelican lights* fi Triq Il-Labour peress li hija triq perikoluża | Sindku |
| 08 | 3 | 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li irċevejna proposta mill-Għaqda Siġar Maltin li huma interessati jgħinu sabiex insebbħu l-ambjent bi taħwil ta' siġar. Is-Sindku qalet li ser tiġi ikkonsidrata l-*area* ta' Ġebel San Martin. Ser issir laqgħa fit-3 ta' Awwissu. | Sindku |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**08. 5. Quarterly Financial statements**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 5 | 1 | | Segretarju: Quarterly financial statements | Is-Segretarju Eżekuttiv resaq għal approvazzjoni l-Quarterly financial statements għax xhur Jannar 2018 sa Marzu 2018 fejn ta spjegazzjoni tad-dħuk u ħruġ għal ewwel kwart tas-sena. Huwa spjega li s-surplus li qed jidher ma jinkludiex l-ispejjes kapitali. | Segretarju Eżekuttiv |

**08. 6. *Żejt iż-Żejtun***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 6 | 1 | | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li din is-sena Żejt iż-Żejtun ser tiġi iċċelebrata fid-29 u t-30 ta' Settembru. Il-Viċi-Sindku irrimarkat sabiex jiġu mistiedna s-Sindki tal-lokalitajiet li għandna l-ġemellaġi magħhom li huma Celano u Tocina. Caruana issuġerixxa li għandu jinbidel l-artwork. Dwar dan ser nitkellmu mal-JP Advertising biex naraw x'jista' jinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv semma dwar il-problema tal-posta li tiġi armata mill-grupp tal-armar mingħajr ħlas. Hales ippropona li għandha tiġi mitkellma mal-każini sabiex il-baned jiffurmaw *massed band.* Dwar dan kien hemm diskussjoni. | Agius |

**08. 7. Festa Santa Katarina**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8** | **7** | **1** | Kunsilliera: Festa Santa Katarina | Camilleri D semmiet dwar il-problema li nqalet fuq Facebook dwar il-parkeġġi għal-persuni b'diżabilita'. Saret diskussjoni dwar il-parkeġġi li saru temporanji. Hales issuġerixxa li għandhom jiżdiedu żewġ kenniesa wara s-7:00pm sas-2.00am. Carauana qal li l-Kunsill għandu jiltaqa' mas-sidien tal-barijiet u l-Għaqdiet għal diskussjoni dwar x'jsita' jiġi irranġat. | |
| | | | | Wara diversi konsiderazzjonijiet il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla għandhom jittieħdu dawn il-miżuri rigward permessi ta' spazji tal-posti. Li l-operaturi ta' Juve Bar, My Glesca u Rex Bar jarmaw il-bar fuq il-bankina u li l-permess tal-imwejjed ikun għal Ħadd mis-7pm 'l quddiem u fil-ġranet l-oħra ikunu tat'tip bistro, voldiri mwejjed żgħar mingħajr siġġijiet madwarhom. Li l-posti tas-Sur Joseph Borg u s-Sur George Stafrace jintramaw biss sal-Ħadd fil-5:00pm imbagħad jitmexxew għal Triq San Girgor fil-parking bays li hemm faċċata tal-Juventutis Domus Sagra Familglia. Li l-posti tas-Sur Christian Baldacchino u s-Sur Jonathan Vella jitmexxew għal WIS18-20 u WIS 32-33 rispettivament. Li l-permess tas-Sur Roderick Farrugia jiġi revokat u għandu jinżamm €250 mid-depożitu wara att irressponsabli ta' rimi ta' likwidu fil-kanali tal-ilma tax-xita. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **08.** | **8.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08 | 8 | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 06/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 8 | 3 | Talbiet għal Xiri Seduta 08/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **08** | **9** | | **Affarijiet ohra; u** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 08 | 9 | 1 | Sindku: Rilokazzjoni ta' siġar | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġejna avviċinati minn Frederick Azzopardi ta' TM sabiex jiġu rilokati s-siġar li ser jinqalgħu minn Sta' Luċija u dawn ser jitħawwlu fi Vjal il-25 ta' Novembru fejn hemm il-konok vojta. | Sindku |
| 08 | 9 | 2 | Sindku: Infrastruttura ta' toroq | Is-Sindku qalet li beda x-xogħol minn TM fuq Triq Xrobb l-Għaġin, l-isqaqin ta' Triq il-Wied kif ukoll ser jibda x-xogħol fuq id-daħla tal-Lambordi (għal post tan-nar) u l-isqaq ta' qabel il-Kalanka fi Triq il-Kotob. Hija qalet li dan qed isir kollu grazzi għal Gvern Ċentrali. Semmiet ukoll li Triq Ħal Tarxien qedha fl-istadju tal-adġudikazzjoni tat-tenders. L-appell fuq Triq Bormla kellu jinqata' illum. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 9 | 3 | Sindku: *Equipment* għal Ġnien il-Qawsalla | Is-Sindku qalet li dan dalwaqt jasal u jkun installat. | Sindku |
| 08 | 9 | 4 | Caruana: Floodlights | Caruana irringrazzja lis-sur Silvio Grixti u s-sur Frederick Azzopardi li bis-saħħa tagħhom saru żewġ floodlights f'Misraħ Anton Vassalli. | Caruana |
| 08 | 9 | 5 | Camilleri D: BBQ | Camilleri D qalet li ser isir BBQ fit-12 ta' Lulju għal persuni b'diżabilita' fil-Bajja ta' San Tumas. | Camilleri D |
| 08 | 9 | 6 | Camilleri D: Żjara f'San Vinċenz | Camilleri D qalet li ser jibdew isiru żjarat lir-residenti Żwieten f'San Vinċenz De Paul matul il-ġimgħat li ġejjien. | Camilleri D |
| 08 | 9 | 7 | Camilleri C: Traffic Management Triq il-Qadi | Camilleri C ippropona li għandu jsir traffic management fi Triq Il-Qadi k/m Triq Wied il-Għajn peress li hija perikoluża. | Hales |
| 08 | 9 | 8 | Agius: Tqassim ta' boroż | Agius qalet li ser jibda t-tqassim tal-boroż tar-riċiklaġġ sal-15 ta' Lulju. Sar flyer dwar il-ġbir tal-iskart li ser jitqassam. | Agius |
| 08 | 9 | 9 | Agius: Korsijiet għat-tfal | Agius qalet li ser jibdew korsijiet għat-tfal mit-tieni ġimgħa ta' Lulju. | Agius |
| 08 | 9 | 10 | Agius: Ħarġa l-Belt Valletta | Agius qalet li ser issir ħarġa l-belt Valletta is-Sibt, 30 ta' Ġunju fejn ser inżuru ċ-ċisterni. | Agius |
| 08 | 9 | 11 | Agius: Animal building activity | Agius qalet li l-animal building activity ser tkompli fl-14 ta' Lulju. | Agius |
| 08 | 9 | 12 | Agius: Harbour Cruise | Agius qalet li l-attivita' tal-Harbour Cruise ser tiġi organizzata fit-18 ta' Lulju. | Agius |
| 08 | 9 | 13 | Agius: Etnaland | Agius qalet li l-mawra għal Etnaland fi Sqallija ser issir fil-21 ta' Lulju. | Agius |
| 08 | 9 | 14 | Agius: Ħarġa għall-familja | Agius qalet li ser issir ħarġa għall-familja fit-28 ta' Lulju fl-Esplora. | Agius |
| 08 | 9 | 15 | Agius: Solar Cinema | Agius qalet li s-solar cinema ser issir fl-24 ta' Lulju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Agius |
| 08 | 9 | 16 | Agius: Festa Sajf | Agius qalet li Festa Sajf ser issir fit-3 ta' Awwissu. | Agius |
| 08 | 9 | 17 | Agius: Xogħol f'ġebel San Martin | Agius qalet li hemm bżonn jitwaħħlu żewġ bankijiet u jsir tindif tal-konok mal-palma u jitħawwlu s-siġar. | Sindku |
| 08 | 9 | 18 | Viċi-Sindku: Youths@Local | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser titella' attivita' fid-29 ta' Lulju fejn ser jitfakkar is-17 -il anniversarju tal-Youths@local. | Viċi-Sindku |
| 08 | 9 | 19 | Viċi-Sindku: *camping* f'Birżebbuġa | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jiġi organizzat *camping* f'Birżebbuġa bejn l-20 u l-21 ta' Lulju. | Viċi-Sindku |
| 08 | 9 | 20 | Sindku: laqgħat ta' informazzjoni | Is-Sindku qalet li ser isiru laqgħat għall-ġenituri u tfal organizzati mill-Leap, Sedqa flimkien mal-Kunsill. Suġġetti li ser jiġu diskussi huma fost oħrajn, il-bullying, *stress management.* Ser jibdew fit-3 ta' Lulju. | Sindku |
| 08 | 9 | 20 | Sindku: *Dog bins* | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li twaħħlu għaxar dog bins ġodda f'diversi toroq fiż-Żejtun. | Sindku |
| **08** | **10** | | **Affarijiet ohra; u** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 2 ta' Awwissu 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |